C/2024/6861

28.11.2024

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Infasslu l-progress demokratiku tal-UE: riżoluzzjoni għall-mandat leġiżlattiv li jmiss

(C/2024/6861)

Relaturi: **Christa SCHWENG (Grupp I)**
Cinzia DEL RIO (Grupp II)
Ioannis VARDAKASTANIS (Grupp III)

Bażi legali	Artikolu 52(4) tar-Regoli ta' Proċedura
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	18.9.2024
Sessjoni plenarja Nru	590
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	193/7/6

WERREJ

Paġna

1. Charting the EU's democratic progress: a resolution for the next legislative mandate 1
2. The EU: a legacy of success resolutely tackling future challenges 2
3. The EU as a global player for peace, security, trade and progress 3
4. Secure our values, respect for fundamental rights and diversity 4
5. Preparing for enlargement and reforms 5
6. Secure the EU's sustainable and inclusive growth, competitiveness and investment 6
7. The social dimension of security: employment, skills and a just transition 9
8. Securing health and decent living conditions: a solid societal dimension 11
9. Participation of citizens, robust civic space and meaningful civic dialogue 13

1. Infasslu l-progress demokratiku tal-UE: riżoluzzjoni għall-mandat leġiżlattiv li jmiss

1.1. Il-Parlament Ewropew il-ġdid u l-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, se jkunu responsabbli għat-tmexxija tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin u lil hinn. Il-gvernijiet taw il-fehmiet tagħhom fid-Dikjarazzjonijiet ta' Versailles u Granada. Iċ-ċittadini kkontribwew bil-fehmiet tagħhom matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. B'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-Konferenza (speċjalment il-proposti 36 u 39, li kellhom l-għan li jagħtu lill-KESE rwol ċar fil-proċessi parteċipattivi), il-KESE organizza l-ewwel Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili tiegħu, fejn ikkonsulta liċ-ċittadini – inklużi ż-żgħażagħ – l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-eżitu kien sett komprensiv ta' passi azzjonabbli biex jissaħħu u jiġu ssalvagwardjati l-prinċipji demokratiċi matul il-mandat li jmiss tal-UE.

1.2. Fil-kuntest tal-ħafna kriżijiet attwali, il-KESE jħeġġeġ lill-Parlament Ewropew il-ġdid u lill-Kummissjoni Ewropea, leġitimizzati mill-vot taċ-ċittadini fl-elezzjonijiet ta' Ġunju 2024, kemm biex jużaw il-viżjoni tal-futur li joħroġ mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa kif ukoll dik tal-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili, biex jagħmlu użu mid-diversità tar-rappreżentanza fil-KESE sabiex isaħħu l-pożizzjoni internazzjonali tal-UE, jistabbilixxu l-arkitettura istituzzjonali tal-UE, jipprovdu ankra soda għall-valuri komuni tagħna, u jmexxu l-ekonomija tagħna f'futur sostenibbli b'mudell soċjali avvanzat u inklużiv fil-qalba tiegħu – xi ħaġa li hija vitali għall-progress, l-unità u l-kompetittività.

1.3. ***Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex jistabbilixxu kunċett ta' sigurtà ta' 6 partijiet:***

— ***UE li tħares liċ-ċittadini tagħha kontra theddid estern. Għal dan il-għan, neħtieġu politiki esterni tal-UE, iffukati fuq drittijiet fundamentali aktar sodi u magħmula aktar kredibbli bis-saħħa ta' politika ta' difiża komuni tal-UE, flimkien ma' politika barranija komuni; l-UE teħtieġ ukoll ir-riżorsi proprji tagħha biex tippermetti li l-politiki tagħha għall-paċi u għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti jiffunzjonaw kif suppost;***

— ***UE li tipproteġi lin-nies kontra r-riskji interni, prinċipalment dawk relatati mas-saħħa, it-tibdil demografiku u l-faqar, u li tipprovdi protezzjoni soċjali u benesseri aċċessibbli u universali fl-Ewropa kollha;***

— ***UE li tiggarantixxi ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva mibnija fuq ekosistemi li jiżguraw il-produttività, l-innovazzjoni, l-impjiegi ta' kwalità u livell massimu ta' impjiegi, fejn il-kompetittività għandha l-għeruq tagħha fil-kapaċità tal-UE li tkun fuq quddiem nett tas-sostenibbiltà ambjentali u l-progress soċjali u teknoloġiku;***

— ***UE li toħloq ekonomija reżiljenti għal kulħadd billi: tiżgura koordinazzjoni effettiva tal-politiki makroekonomiċi fl-Istati Membri, waqt li tissalvagwardja l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tagħha; tiżgura l-kompetittività sostenibbli tan-negozji Ewropej u tippreserva l-kapaċità tal-akkwist, waqt li tikkumbatti l-inflazzjoni b'mod effettiv; tiggarantixxi l-inklużjoni finanzjarja u t-trawwim tal-edukazzjoni finanzjarja; tfassal sistemi ta' tassazzjoni ġusti; tiġġieled kontra l-ħasil tal-flus; u tistabbilixxi baġit Ewropew li jagħti lill-UE mezzi finanzjarji suffiċjenti biex tilħaq l-għanijiet politiċi tagħha mingħajr ma tħalli lil ħadd jibqa' lura;***

— ***UE li tiżgura d-djalogu u l-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili organizzata u l-pubbliku sabiex ilaħħqu maż-żminijiet diffiċili u trasformattivi tal-lum u tal-futur qrib. Il-benefiċċji tal-paċi għandhom jilħqu l-elementi u l-gruppi kollha tas-soċjetà tagħna;***

— ***UE li tipproteġi kontra r-riskji attwali u futuri tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità. Il-kriżi klimatika thedded il-ħajjiet u l-għajxien. L-UE trid tieħu passi biex tikseb tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet sal-2040, tibni reżiljenza għat-tibdil fil-klima u tirrestawra n-natura u l-bijodiversità, sabiex tiżgura li d-dispożizzjonijiet għall-ħtiġijiet bażiċi (l-ikel, l-ilma, l-enerġija, is-saħħa pubblika, eċċ.) fl-UE u globalment ma jkunux f'riskju.***

2. L-UE: wirt ta' suċċess li jindirizza b'mod riżolut l-isfidi futuri

2.1. L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri universali, id-drittijiet u l-istat tad-dritt. Dan, kif ukoll 80 sena ta' paċi, huma l-element ewlieni ta' din l-istorja ta' suċċess Ewropew. L-Ewropej għaddew minn mumenti diffiċili – l-UE hija l-wild ta' żewġ Gwerer Dinjija – iżda l-evidenza turi li l-Ewropej marru aħjar minn kwalunkwe kompetitur tagħhom jew mill-pajjiżi ġirien tagħhom. Ma hemm l-ebda dubju li sa mill-ħolqien tagħha, l-UE gawdiet minn perjodu twil ta' paċi, prosperità ekonomika u progress soċjali.

2.2. Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-UE żgurat aċċess liberu għall-vaċċini għal kulħadd, kif ukoll żgurat id-disponibbiltà tal-ikel. Hija tat widen lit-tfal u ż-żgħażagħ li qed jagħmlu kampanji minħabba t-tibdil fil-klima billi adottat l-aktar programm ambizzjuż għal ambjent sostenibbli: il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li għandu l-għan li jagħmel lill-Ewropa newtrali għall-klima sal-2050. L-UE ħadet passi biex tiġġieled kull tip ta' diskriminazzjoni. Irrispettivament minn jekk il-bażi tagħhom hijiex fi Stat Membru kbir jew żgħir, in-negozji, l-atturi tal-ekonomija soċjali u dawk li jaħdmu għal rashom għandhom aċċess għal suq ta' 450 miljun konsumatur b'opportunitajiet indaqs, fejn l-atturi ekonomiċi kollha jistgħu joperaw f'ambjent stabbli.

2.3. L-UE hija l-ekonomija li tipproteġi lin-nies bl-aħjar mod u għandha l-għan li tisfrutta t-talenti. Hija tistinka wkoll biex tipproteġi l-privattivi u l-prodotti reġjonali, u hija minn ta' quddiem fir-regolamentazzjoni tal-ekonomiji diġitali. Il-pajjiżi kollha li ssieħbu fl-UE matul is-snin komplew itejbu, u b'mod aktar rapidu, l-istandard tal-għajxien u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom minn kwalunkwe pajjiż ieħor fir-reġjun. Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-moviment liberu tal-persuni huwa kruċjali biex jiġu żgurati l-progress, il-ġustizzja u l-integrazzjoni aktar profonda. Il-KESE jistenna li l-istess se jiġri għal dawk il-pajjiżi li dalwaqt se jingħaqdu mal-familja tal-UE.

2.4. Dawn il-kisbiet kollettivi ma jistgħux jibqgħu jitqiesu bħala ovvji. L-UE issa qed tiffaċċja riskji ġodda, kif ukoll sfidi qodma u ġodda. L-assoċjazzjoni tar-Russja u taċ-Ċina ma' ekonomiji emerġenti (eż. il-pajjiżi BRICS u tal-Golf) qed tfassal mill-ġdid ix-xenarju ġeopolitiku globali u s-sħubijiet ekonomiċi. Għandu jiġi enfasizzat li, għall-kuntrarju tal-UE, il-pajjiżi li mhumiex demokraziji jsegwu politiki barranin aggressivi u bla skrupli, mingħajr każ tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli. L-investimenti finanzjarji ta' dan tal-aħħar biddlu b'mod definittiv l-arkitettura finanzjarja globali, u imponew tfittxija għal ekwilibriju ġdid. L-Istati Uniti stess jirriskjaw li jitilfu l-karatteristiċi ta' msieħeb affidabbli jekk il-forzi populisti jerġgħu jiksbu l-poter din is-sena.

2.5. Għalhekk, l-UE hija kkonfrontata mill-inċertezza, qed tiffaċċja sitwazzjonijiet riskjużi kkawżati minn gwerer bħal dawk fl-Ukrajna u f'Gaża, u trid tfittex alleati fid-dinja li huma msejsa wkoll fuq l-istat tad-dritt u jirrispettaw id-drittijiet fundamentali: dawn huma l-valuri li jorbtu lill-Istati Membri tal-UE flimkien.

2.6. Wara li għaddew minn sensiela ta' kriżijiet ekonomiċi, tas-saħħa u ġeopolitiċi profondi, iċ-ċittadini jħossu din l-inċertezza u qed iħarsu lejn l-istituzzjonijiet tagħhom – kemm jekk Ewropej, nazzjonali, reġjonali jew lokali – għall-protezzjoni miċ-ċirkostanzi avversi fil-ħajja li jistgħu jirriżultaw minn riskji esterni jew ekonomiċi, attakki fuq il-valuri fundamentali tagħna, theddid għas-saħħa, jew it-telf ta' introjtu deċenti.

3. **L-UE bħala attur globali għall-paċi, is-sigurtà, il-kummerċ u l-progress**

3.1. F'dawn l-aħħar ftit snin, l-UE rnexxielha teħleb il-kriżijiet bl-għajnuna tal-prinċipji fundaturi tagħha, u billi l-Istati Membri tagħha żammew flimkien b'mod sod. Hija kisbet dan ukoll bis-saħħa tal-kapaċità fiskali tagħha, bl-appoġġ sħiħ tal-Istati Membri tagħha, li żgurat reazzjonijiet rapidi u kapaċità li tieħu azzjoni.

3.2. L-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jiffaċċjaw l-isfidi tal-lum iżda, magħqudin, jistgħu jinfluwenzaw il-futur. It-tibdil fil-klima u l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili se jirrikjedu politika ġdida ta' awtonomija strateġika tal-UE, iżda se jibdlu wkoll il-bilanċ globali tal-poter u jirriskjaw li jaggravaw il-kunflitti globali. Minflok ir-reazzjonijiet nazzjonali li jdgħajfu lill-UE, l-Ewropa jrid ikollha viżjoni ċara u rwol politiku konġunt u aktar b'saħħtu f'dan il-kuntest ġeopolitiku ġdid sabiex tkun f'pożizzjoni li tirrispondi b'mod aktar effettiv u rapidu.

3.3. L-UE għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni taċ-ċittadini tagħha u tipprovdilhom is-sigurtà f'diversi oqsma, billi tipproteġihom minn: għedewwa esterni; riskji għas-saħħa u pandemiji futuri; theddid ibridu kif ukoll l-użu ħażin jew l-abbuż tat-teknoloġiji diġitali avvanzati; ir-riskju ta' faqar, esklużjoni u diskriminazzjoni, waqt li jiġu żgurati opportunitajiet ekonomiċi u tax-xogħol għal kulħadd; ir-riskju ta' emerġenzi fil-klima u l-bijodiversità; u finalment, minn theddid għad-demokrazija parteċipattiva, bil-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja ċivika, politika u demokratika.

3.4. L-UE hija u jeħtiġilha tibqa' promotur tal-paċi. Il-kapaċità diplomatika tagħha trid tittejjeb sabiex il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE tkun akkumpanjata minn kapaċità reali li ssolvi u tipprevjeni l-kunflitti. Din il-politika għandha tipproteġi kontra interferenza esterna mmirata lejn id-destabbilizzazzjoni tas-soċjetajiet u l-istituzzjonijiet demokratiċi, u għandha tinvolvi ruħha f'multilateraliżmu ġdid, f'konformità mal-liġijiet internazzjonali. Politika ta' difiża komuni tal-UE teħtieġ ukoll politika barranija komuni ġenwina u kompluta li tmur lil hinn mill-kooperazzjoni msaħħa attwali (jiġifieri l-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni). Għal dan l-għan, l-UE għandha tingħata mezzi materjali u mhux materjali adegwati, inklużi r-riżorsi proprji tagħha.

3.5. Il-KESE jipproponi:

— il-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà u d-difiża, il-ġustizzja globali u l-progress globali permezz ta' impenn attiv favur il-paċi; appoġġ għas-sistema multilaterali; l-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta; l-indirizzar tal-faqar; it-trawwim tad-djalogu soċjali u ċivili; il-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, u sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni umana;

— ħidma għal integrazzjoni politika akbar; awtonomija strateġika msaħħa; u politika barranija komuni, ġenwina u sħiħa. Għal dan l-għan, l-UE għandha titkellem b'vuċi waħda fl-istituzzjonijiet multilaterali u tisfrutta r-rwol internazzjonali tal-Euro bħala ass strateġiku. Il-KESE jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-politika barranija tal-UE;

— it-tisħiħ tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE, inkluż it-tisħiħ tat-teknoloġiji strateġiċi u kritiċi komuni tal-UE u l-kapaċitajiet ta' difiża, u kooperazzjoni msaħħa mal-imsieħba tal-istess fehma;

— l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha bħala strateġija globali tal-UE, iddedikata għall-paċi, il-progress ekonomiku, soċjali u ambjentali. Dan se jseħħ biss permezz ta' involviment strutturat u sinifikanti tas-soċjetà ċivili;

— it-trawwim ta' politika kummerċjali Ewropea miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, li tikkomplementa u tirfed politiki ewlenin oħra tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt, kif ukoll il-politika klimatika, diġitali, tal-innovazzjoni, soċjali u industrijali. Il-ftehimiet kummerċjali għandhom iżidu r-reżiljenza permezz tad-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet, joħolqu opportunitajiet tas-suq għall-kumpaniji Ewropej, itejbu s-sigurtà u jtaffu r-riskji ġeopolitiċi, u fl-istess ħin jippromovu l-infurzar tal-istandards soċjali u ambjentali u jiżguraw kundizzjonijiet ekwi globali għal kompetizzjoni ġusta. L-aċċess addizzjonali li joffru għal materja prima kritika u inputs oħra – inkluża l-enerġija – jista' jgħin biex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista tal-UE reżiljenti, sostenibbli u responsabbli;

— ir-rikonoxximent tar-rwol kruċjali u jappella għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva adottata reċentement għad-diliġenza dovuta, it-trawwim tad-drittijiet tal-bniedem u l-kunsiderazzjonijiet ambjentali bħala parti integrali minn ċerti ktajjen tal-provvista u operazzjonijiet tal-kumpaniji.

4. **Niżguraw il-valuri tagħna, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u d-diversità**

4.1. Ewropa li tgħożż id-diversità u tippromovi l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ssejjes soċjetà koeżiva u tolleranti. L-UE għandha tieħu pożizzjoni dwar l-istat tad-dritt bħala prinċipju fundamentali u tmexxi bl-eżempju fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u d-diskriminazzjoni. Fil-pajjiżi kollha li mhux jirrispettaw l-istat tad-dritt, hemm reazzjoni negattiva kontra n-nisa, il-komunità LGBTQIA+ u/jew il-gruppi vulnerabbli. Il-ġlieda għall-istat tad-dritt hija ġlieda għall-ugwaljanza, għal edukazzjoni imparzjali għal uliedna, biex iż-żgħażagħ jitħallew jinżlu fit-toroq għal futur sostenibbli, u biex il-ġurnalisti indipendenti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem igawdu l-libertà tal-espressjoni. Il-konformità mal-istat tad-dritt għandha wkoll dimensjoni ekonomika li għandha impatt fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali u ta' investiment, peress li l-istat tad-dritt jirfed ukoll ambjent stabbli u prevedibbli għall-kumpaniji u l-konsumaturi. Il-KESE jħeġġeġ lill-UE tagħmel minn kollox biex tirrispetta l-istat tad-dritt fl-UE kollha u lil hinn minnha.

4.2. Huwa kruċjali li l-valuri fundamentali tad-demokrazija, is-solidarjetà, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza, is-sostenibbiltà u l-istat tad-dritt jitqiegħdu fuq quddiem nett ta' kwalunkwe diskussjoni dwar is-suċċess tal-UE. L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaqdu rwol ċentrali fiż-żamma u t-tisħiħ ta' dawn il-valuri. L-isforzi bla heda tagħhom biex jippromovu l-involviment taċ-ċittadini u ċ-ċittadinanza attiva, irawmu d-djalogu ċivili u soċjali, jippromovu d-drittijiet tal-bniedem u jippromovu prattiki demokratiċi, huma assi imprezzabbli li jikkontribwixxu għall-qawwa, ir-reżiljenza u r-rappreżentattività tal-UE.

4.3. Hija prijorità li jiġi rikonoxxut u enfasizzat ir-rwol indispensabbli tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jissalvagwardjaw dawn il-prinċipji, peress li jagħti profondità kbira lill-viżjoni komprensiva għall-Ewropa li qed naspiraw għaliha:

4.4. Għaldaqstant il-KESE jirrakkomanda:

— li l-UE tieħu azzjoni fir-reviżjonijiet futuri eventwali tat-Trattat biex tiżgura r-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u d-diversità billi tesplora bidliet fil-mekkaniżmi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Is-salvagwardja tad-demokrazija kontra t-theddid intern u estern jeħtieġ li ssir permezz tal-iżvilupp ta' spazju ċiviku abilitanti fi ħdan il-fruntieri tal-UE u lil hinn minnhom u l-emendar tal-Pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija biex jixxejnu d-distakki li jheddu l-istituzzjonijiet demokratiċi;

— li tiġi stabbilita Tarka tad-Demokrazija Ewropea biex tipproteġi kontra l-indħil barrani u d-diżinformazzjoni u biex tiddefendi l-integrità tal-proċessi demokratiċi fl-UE kollha;

— li jiġi żgurat, skont il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, li l-UE ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-ġestjoni tal-migrazzjoni effettiva u realistika li tkun umana u sostenibbli, il-promozzjoni ta' perkorsi legali għall-adeżjoni mal-UE, waqt li tiżgura s-sigurtà u l-kontroll tal-fruntieri esterni tagħha, approċċ għall-asil ibbażat fuq id-drittijiet, u l-inklużjoni tal-migranti u r-refuġjati fis-suq tax-xogħol. Ir-rispett assolut għad-drittijiet tal-bniedem u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri jeħtieġ li jiġu ggarantiti f'kull ħin;

— li jittieħdu passi urġenti biex tiġi stabbilita "Unjoni ta' Ugwaljanza" għall-persuni kollha ta' kull età. Dan ifisser li l-oqfsa legali eżistenti għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jeħtieġ li jissaħħu u jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ. Dan jirrikjedi wkoll it-tisħiħ tal-kariga tal-Kummissarju għall-Ugwaljanza fil-Kulleġġ il-ġdid tal-Kummissarji, u l-iżgurar li jkollu portafoll iddedikat u Direttorat Ġenerali adegwat.

5. **Tħejjija għat-tkabbir u r-riformi**

5.1. Biex jiġi żgurat li l-proġett Ewropew ikompli jimxi fid-direzzjoni tal-paċi, il-prosperità u d-demokrazija, u biex tinħoloq stabbiltà fit-tul fil-kontinent tagħna, jeħtieġ li nilqgħu membri ġodda fil-familja mill-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi ġirien tar-Russja, bħall-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia. Il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE jistgħu ma jkunux adegwati għal Unjoni ta' 30-35 pajjiż. It-tħejjija u – jekk ikun meħtieġ – l-adattament tal-istituzzjonijiet waqt li, fl-istess ħin, jiġi mmonitorjat bir-reqqa l-progress tal-pajjiżi kandidati fir-rigward tal-valuri fundaturi tal-UE u l-acquis tagħha se jkunu kompitu importanti għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss. B'ħidma mill-qrib mal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni li jmiss trid tiżgura li kwalunkwe tkabbir futur ikun ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll għaċ-ċittadini tal-pajjiżi kandidati, u li jinżammu l-istandards għoljin ta' sostenibbiltà tal-UE.

5.2. Dan jirrikjedi wkoll aġġustament għall-baġit tal-UE, u għar-riżorsi proprji tal-UE, biex jiġu implimentati l-politiki Ewropej għall-investiment. L-esperjenza miksuba min-Next Generation EU tista' tkun utli f'dan ir-rigward.

5.3. Dan il-proċess għandu jagħti spinta lill-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili organizzata, bi rwol speċifiku għall-imsieħba soċjali, u l-partiti politiċi kollha għandhom jimpenjaw ruħhom li jiddefendu d-dritt tagħhom ta' assoċjazzjoni, id-dritt tal-espressjoni u tal-istampa u l-media ħielsa, u li jiġġieldu kontra kwalunkwe monopolju ta' informazzjoni jew manipulazzjoni tad-diskors pubbliku.

5.4. Il-politika ta' koeżjoni tibqa' wieħed mill-pilastri fundamentali sabiex l-UE toqrob lejn iċ-ċittadini tagħha u biex jitnaqqsu d-disparitajiet fost ir-reġjuni tal-UE u l-inugwaljanzi fost in-nies. Il-politika ta' koeżjoni adattata għall-ħtiġijiet futuri trid tibqa' politika ta' investiment solida biex tappoġġja l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE kollha waqt li timmira li tipprovdi opportunitajiet indaqs u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol għal kulħadd. Il-prinċipju fundamentali tagħha, li skontu "ħadd ma għandu jitħalla jibqa' lura", jibqa' sod u validu. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma lesti li jkomplu jaħdmu lejn l-objettivi ta' koeżjoni permezz tal-prinċipju tas-sħubija, il-governanza f'diversi livelli u l-ġestjoni kondiviża. B'mod partikolari, għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-reġjuni b'karatteristiċi speċifiċi, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, iż-żoni muntanjużi u l-gżejjer. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għandu jkun kapaċi jindirizza l-isfidi li se jġib miegħu t-tkabbir, kif ukoll ir-riskji ta' disparitajiet bejn ir-reġjuni li l-aġenda tas-sigurtà tista' toħloq fin-nuqqas ta' politiki ta' koeżjoni reġjonali u lokali sodi u ffinanzjati b'mod adegwat.

5.5. F'dan il-kuntest, il-KESE jappella sabiex jinżamm il-portafoll ta' Kummissarju speċifiku inkarigat minn din il-politika importanti u jopponi t-trasformazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fi strument sempliċi għall-irkupru ekonomiku jew għodda biex jiġu indirizzati kriżijiet ta' emerġenza.

5.6. Il-KESE diġà ħa pass importanti lejn it-tkabbir billi ta lir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi kandidati parteċipazzjoni ad hoc f'xi laqgħat tal-KESE. Inħeġġu istituzzjonijiet oħra tal-UE biex isegwu l-eżempju tagħna u jippermettu lir-rappreżentanti mill-pajjiżi kandidati jaċċessaw laqgħat ordinarji tal-UE. Dan se jkun sinjal viżibbli tar-rieda tal-UE li tkompli bit-tkabbir u fl-istess ħin tipprovdi lin-nies minn dawn il-pajjiżi b'opportunità li jitgħallmu kif jiffunzjonaw il-KESE u l-UE b'mod ġenerali.

5.7. Il-KESE jappella sabiex:

— il-Parlament Ewropew isegwi l-eżempju tal-KESE u jinkludi l-pajjiżi kandidati, tal-anqas parzjalment, fil-ħidma ta' kuljum tal-UE permezz ta' sħubijiet aktar b'saħħithom;

— il-politika ta' koeżjoni tal-UE tikkorrispondi għall-ħtiġijiet futuri b'miżuri ta' ridistribuzzjoni bilanċjati u ġusti fost ir-reġjuni u ċ-ċittadini kemm fil-pajjiżi kandidati kif ukoll fir-reġjuni tal-Istati Membri attwali li huma aktar esposti għall-bidla bħala riżultat tat-tkabbir;

— l-UE tikkunsidra l-possibbiltà li tintroduċi votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE mill-inqas għall-istadji intermedjarji kollha, u li d-deċiżjonijiet ikunu miftuħa, trasparenti u aċċessibbli għall-pubbliku inġenerali. Għandhom jiġu adottati miżuri ta' infurzar aktar b'saħħithom tad-drittijiet fundamentali.

6. **Niżguraw it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, il-kompetittività u l-investiment tal-UE**

6.1. Quddiem realtà ġeopolitika ġdida u sfidi dejjem aktar kumplessi, nappellaw lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jaġixxu b'mod deċiżiv biex jiżguraw il-kompetittività, il-prosperità u t-tmexxija fit-tul tal-UE fix-xena globali. Is-sehem tal-UE fl-ekonomija dinjija huwa mbassar li jonqos b'mod kostanti minn kważi 15 % għal 9 % biss sal-2050 ([1]). Għalhekk, huwa imperattiv li jittejbu l-politiki kollha li jwasslu għat-tisħiħ tal-produttività u l-kompetittività sostenibbli tal-UE. L-investiment fl-innovazzjoni u l-manifattura, kif deskritt f'awtonomija strateġika miftuħa – bħall-industrija b'emissjonijiet żero netti, l-ekonomija ċirkolari, il-materja prima kritika, l-Att dwar iċ-Ċipep u t-teknoloġiji tad-difiża u strateġiċi – huwa urġenti u jenħtieġ li jkun allinjat ma' objettivi soċjali u ambjentali komuni, u fl-istess ħin irawwem il-benesseri tal-ġenerazzjonijiet futuri.

6.2. It-tibdil fil-klima, it-tniġġis u l-bidliet fil-bijodiversità li dehru f'dawn l-aħħar snin wasslu biex l-Ewropa timpenja ruħha favur il-Patt Ekoloġiku tagħha. L-UE teħtieġ b'mod urġenti Patt Ekoloġiku u Soċjali b'saħħtu bbażat fuq ekonomija tal-benesseri u kunċett ġdid ta' prosperità għan-nies u għall-pjaneta, li jiżgura tranżizzjoni ġusta u approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem. Sabiex jiġi evitat li din l-inizjattiva tpoġġi piż kbir fuq il-kumpaniji, għandha tiġi żgurata implimentazzjoni adegwata u effettiva billi jiġu stabbiliti pjani ta' azzjoni realistiċi fil-livell nazzjonali, u billi jiġu appoġġjati l-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs, bl-għan li tinżamm il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi sħaħ u ta' kwalità.

6.3. Il-Patt Blu tal-UE huwa wkoll wieħed mill-oqsma ta' prijorità ewlenin. Minħabba n-natura essenzjali tal-ilma u l-isfidi attwali u futuri li qed jiffaċċjaw id-dinja u l-kontinent tagħna, l-ilma għandu jitqies bħala prijorità u għandu jiġi adottat Patt Blu tal-UE bħala politika strateġika awtonoma, peress li l-politika dwar l-ilma ma tistax tkun limitata biss għall-politika dwar il-klima. Il-Patt Blu u l-Patt Ekoloġiku jikkoinċidu parzjalment, iżda jżommu oqsma differenti ta' azzjoni u approċċi differenti. L-Ewropa tista' tittrasforma l-isfidi relatati mal-ilma f'opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp teknoloġiku, il-progress tas-soċjetà, l-impjiegi ġodda, il-ħiliet u t-tkabbir tan-negozju, u fl-istess ħin tirrispetta l-ambjent u tissalvagwardja r-riżorsi tal-ilma għall-benefiċċju ta' kulħadd.

6.4. L-Ewropa għandha potenzjal enormi għall-innovazzjoni, li jippermetti lill-ekonomija tagħna tikkompeti globalment. Madankollu, il-bidliet demografiċi, l-investiment insuffiċjenti f'sistemi edukattivi orjentati lejn il-futur u ħiliet ġodda, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f'xi setturi u opportunitajiet limitati ta' mobbiltà, li jwasslu għal nuqqas ta' ħaddiema, qed isiru ostakli għal tkabbir ekonomiku ġust u sostnut kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali. Fit-tellieqa globali għat-talent, l-Ewropa jeħtieġ li tkun fuq quddiem nett billi toffri post attraenti biex wieħed jgħix u jaħdem mingħajr ma jinjora r-riskji ta' eżodu ta' mħuħ fl-UE u dawk minn pajjiżi terzi. Inizjattiva politika ta' suċċess f'dan il-qasam se teħtieġ approċċ olistiku li jindirizza d-dimensjonijiet differenti kollha ta' dawn l-isfidi. Biex jakkumpanja dawn il-bidliet rapidi fid-dinja tax-xogħol, id-djalogu soċjali huwa ass importanti.

6.5. Fil-qalba tal-ekonomija tal-UE irid ikun hemm suq uniku modernizzat u li jiffunzjona bla xkiel, fejn hemm aktar opportunitajiet disponibbli b'mod ugwali għall-kumpaniji, għall-ħaddiema u għall-pubbliku inġenerali. L-investiment f'teknoloġiji ġodda jrid jitħeġġeġ permezz ta' qafas regolatorju stabbli u li jħares 'il quddiem ibbażat fuq politiki prevedibbli kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. L-Istati Membri u l-UE għandhom jiżguraw li ma tinħoloq l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni meta jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' finanzjament b'appoġġ għal investiment bħal dan.

([1]) PwC (2017), The long view: how will the global economic order change by 2050?.

6.6. Biex jappoġġja dawn l-objettivi, il-qafas regolatorju tal-UE għandu jiżgura ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà, ikun integrat aħjar u jkun konsistenti fl-oqsma politiċi kollha, ikun miftuħ għal approċċi innovattivi u jkun diġitali b'mod awtomatiku, filwaqt li jipprevjeni r-regolamentazzjoni żejda u jimmira li jnaqqas il-burokrazija żejda mingħajr ma jagħmel ħsara lill-objettivi leġiżlattivi sottostanti. It-tendenza akbar tal-gvernijiet nazzjonali li jpoġġu l-interessi nazzjonali allegati l-ewwel tagħmel is-suq uniku inqas effiċjenti u tħallih frammentat. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom obbligu li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli tal-UE u jaġixxu malajr u b'mod effettiv kontra Stati Membri mhux konformi. Neħtieġu qafas regolatorju li jsib il-bilanċ it-tajjeb bejn l-istimolu tal-innovazzjoni u l-investiment minn naħa u l-ġestjoni ta' tħassib dwar is-sigurtà ta' kull tip min-naħa l-oħra, sabiex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-benefiċċji tal-potenzjal tal-innovazzjoni tal-Ewropa f'teknoloġiji nodfa ġodda, u jiġi żgurat il-vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel biex l-industriji tal-ekoloġizzazzjoni jkunu indipendenti mill-fjuwils fossili, kif ukoll biex issir ekosistema aktar integrata fejn l-industrija tal-manifattura u s-servizzi jappoġġjaw lil xulxin b'mod reċiproku.

6.7. Bażi industrijali aktar b'saħħitha, trasformattiva u kompetittiva teħtieġ investiment massiv li għandu jiġi ffinanzjat, regolat u implimentat b'mod li jippreserva l-integrità tas-suq uniku u jxejjen id-distakki fit-tkabbir, il-produttività u l-innovazzjoni bejn l-UE u l-imsieħba internazzjonali tagħha u l-kompetituri ewlenin. Għandha tiġi implimentata politika industrijali effettiva li tiddekarbonizza l-industrija tagħna b'mod kompetittiv, tiżviluppa l-vantaġġ kompetittiv tal-UE fit-teknoloġiji diġitali u nodfa, u tiddiversifika u tiżgura ktajjen tal-provvista strateġiċi, kif ukoll issaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tal-Ewropa. Din il-politika teħtieġ miżuri ta' tranżizzjoni ġusta li tipprovdi appoġġ, investiment f'amministrazzjoni u servizzi pubbliċi moderni, infrastruttura u servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali.

6.8. L-investiment pubbliku u privat fl-Istati Membri għandu jkun immirat biex jaġġorna l-infrastruttura tagħhom. Il-koordinazzjoni fil-livelli kollha hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-effettività tal-investiment pubbliku, li huwa ffinanzjat mill-UE jew minn Stati Membri individwali. Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE jista' joħloq spazju fiskali għall-investiment, li min-naħa tiegħu jista' jwassal għal mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi mas-settur privat sabiex jintuża bis-sħiħ il-potenzjal fil-livell tal-UE ta' appoġġ finanzjarju għal investiment bħal dan. Biex dan iseħħ, qafas ta' finanzjament sostenibbli aktar ambizzjuż jista' jiggarantixxi b'mod aktar effettiv li l-investiment privat jallinja mal-objettivi komuni tal-UE. Jekk il-forom alternattivi ta' finanzjament, bħall-pjattaformi ta' self, l-investiment kollettiv, il-kapital ta' riskju u s-swieq tal-bonds, isiru aktar attraenti u faċilment aċċessibbli għall-kumpaniji ta' kwalunkwe daqs u għall-individwi kollha, dan jgħin biex jiġu ffinanzjati proġetti ambizzjużi ta' innovazzjoni u investiment. L-operat effiċjenti tas-swieq finanzjarji huwa essenzjali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u dejjem aktar diġitali li hija kkaratterizzata minn tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv.

6.9. It-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali hija kruċjali għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi meħtieġa għall-investiment fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll għall-awtonomija strateġika tal-UE. L-Unjoni Bankarja hija essenzjali għal Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina, u t-tlestija tagħha żżid l-istabbiltà finanzjarja u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE.

6.10. Barra minn hekk, qed naraw qabża enormi 'l quddiem fl-użu tal-intelliġenza artifiċjali, li tista' tikkontribwixxi għal żieda fil-produttività u ttejjeb il-mudelli tal-organizzazzjoni tax-xogħol, jekk tiġi ġestita b'mod adegwat b'approċċ iċċentrat fuq il-bniedem.

6.11. Il-KESE:

— jistieden lill-Parlament Ewropew il-ġdid u lill-Kummissjoni Ewropea l-ġdida jagħmlu l-aħjar użu mill-mandat li rċevew u jimplimentaw il-pjani tagħhom biex jipproteġu l-pjaneta, jinvestu għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-kompetittività, u jagħtu spinta lis-sovranità tal-UE f'oqsma strateġiċi, għall-benesseri tal-ġenerazzjonijiet futuri u allinjati mal-ġustizzja interġenerazzjonali. Dawn għandhom ikomplu fit-triq lejn tranżizzjonijiet u innovazzjoni soċjalment ġusti, ekoloġiċi, blu u diġitali, u b'hekk jiżguraw impjiegi ta' kwalità u reżiljenza fil-proġett Ewropew;

— jirrakkomanda li nisiltu t-tagħlim min-Next Generation EU u nadottaw il-proposti u l-impenji attwali dwar riżorsi proprji ġodda għall-baġit tal-UE, b'għodda ta' investiment tal-UE li tista' tippermetti li ċerti teknoloġiji kritiċi u strateġiċi, fejn applikabbli, jaqgħu taħt il-governanza pubblika, waqt li tipproteġi lill-investituri kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati;

— jirrakkomanda li jiġi promoss il-mudell Ewropew tal-ekonomija tas-suq soċjali billi: jiġu appoġġjati l-intraprenditorija u l-innovazzjoni; investiment f'edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità; l-iżgurar tad-dritt għat-tagħlim tul il-ħajja, inklużi it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet; it-trawwim ta' kwalifiki professjonali ta' kwalità għolja; il-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli u ta' kwalità tajba, inkluż f'forom ġodda ta' xogħol; it-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ; u l-iżgurar ta' aċċess effettiv għal taħriġ ta' kwalità tajba għal kulħadd;

— jirrakkomanda li r-regoli eżistenti tas-suq uniku għandhom jissaħħu sabiex tinħoloq dinamika ġdida għat-tneħħija tal-ostakli għall-mobbiltà transfruntiera tal-persuni, l-oġġetti, is-servizzi, il-kapital u d-data. Dan huwa partikolarment importanti peress li matul l-aħħar snin il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku ddgħajfu minn eżenzjonijiet relatati mal-kriżi u tnaqqis fir-ritmu tat-tneħħija tal-ostakli għall-moviment liberu;

— jappoġġja l-ħolqien u l-iżvilupp tal-SMEs billi nagħmlu l-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" realtà, nipprovdu qafas leġiżlattiv stabbli, nissemplifikaw il-proċessi amministrattivi għall-appoġġ tal-SMEs, niżguraw kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku, u nagħtu lill-SMEs aċċess għall-enerġija rinnovabbli bi prezzijiet affordabbli;

— jappella għal Strateġija Industrijali Ewropea robusta biex tikkomplementa l-mira tal-2040 għat-tnaqqis ta' 90 % tas-CO_2 u żżomm impjiegi ta' kwalità għolja fl-Ewropa. Għalhekk, pjan ta' azzjoni komprensiv, bħall-Patt Industrijali Nadif propost, taħt il-kappa tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, huwa meħtieġ b'mod urġenti bħala prijorità strateġika biex tiżdied u tiġi żgurata l-kompetittività sostenibbli tal-UE;

— jirrakkomanda li jittieħdu passi biex jissaħħaħ is-settur tal-biedja tal-UE u jitrawwem l-iżvilupp rurali billi jsir aktar attraenti għaż-żgħażagħ u għall-persuni b'azjendi agrikoli u intraprizi żgħar, ta' daqs medju jew immexxija mill-familja, biex b'hekk jiġi evitat l-eżodu rurali. Dawn il-bdiewa għandhom jiġu appoġġjati minn Politika Agrikola Komuni ffinanzjata b'mod adegwat għal wara l-2027, li se tipproteġi l-produzzjoni Ewropea tal-ikel u tiżgura r-reżiljenza tagħha. Il-biedja u l-komunitajiet rurali vibranti se jkunu sostenibbli biss meta l-ħtiġijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali jiġu ssodisfati b'mod ibbilanċjat;

— huwa favur l-iżvilupp ta' ekonomija soċjali b'saħħitha billi tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ekonomija Soċjali biex jissaħħu l-prattiki kummerċjali soċjalment responsabbli u l-benefiċċju pubbliku. Ara l-Pjan Direzzjonali ta' Liège għall-Ekonomija Soċjali fl-UE;

— jirrikonoxxi l-kriżi tal-klima bħala bidla fil-paradigma: jeħtieġ li niżguraw l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ekoloġiċi, soċjali u blu u l-programmi tal-UE b'rabta magħhom bħala oqsma ta' politika interkonnessi. Jeħtieġ nieħdu passi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex inbassru l-konsegwenzi – u nkejlu l-ispejjeż tat-tibdil fil-klima (mill-għargħar, il-produzzjoni fqira tal-għelejjel, in-nixfiet, eċċ.). Ir-rikonoxximent taċ-ċittadini bħala parteċipanti attivi u r-rwol tagħhom bħala prosumaturi tal-enerġija ffaċilitati fit-tranżizzjoni klimatika;

— huwa favur il-garanzija ta' tranżizzjoni ekwa u ġusta għal kulħadd: l-avvanz ta' Qafas ta' Politika Ewropea ta' Tranżizzjoni Ġusta biex jippermetti bidla lejn ekonomija sostenibbli u dekarbonizzata; u l-iżgurar li dawn it-trasformazzjonijiet ikunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni usa', ħadd ma jitħalla jibqa' lura u jkunu bbażati fuq il-koeżjoni u s-solidarjetà interġenerazzjonali. Il-KESE jenfasizza li Qafas ta' Politika għal Tranżizzjoni Ġusta għandu jkun akkumpanjat minn politiki tal-UE li jippermetti lill-intraprizi jsiru aktar kompetittivi b'mod ġust, sostenibbli, aktar b'saħħithom u aktar reżiljenti, u li jaqdu r-rwol tagħhom – permez tad-djalogu soċjali – fl-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta li tkun iċċentrata fuq in-nies, tirrispetta l-kundizzjonijiet lokali, tipproteġi n-natura u l-ambjent u taħtaf l-opportunitajiet;

— jilqa' d-deċiżjoni li jiġu allokati EUR 86 biljun għall-Fond Soċjali għall-Klima tal-UE għall-perjodu 2026-2032. Għandu jiġi allokat ukoll finanzjament addizzjonali permezz tal-Fond ta' Aġġustament għall-Klima tal-UE, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jittaffa l-impatt negattiv tal-kriżi klimatika, b'mod partikolari l-impatt fuq dawk l-aktar vulnerabbli;

— jenfasizza l-importanza li l-ħaddiema jiġu kkonsultati biex tiġi appoġġjata d-dimensjoni trasformattiva tal-istrateġija tal-UE għas-sigurtà u s-sostenibbiltà, waqt li jiġi antiċipat ukoll l-impatt ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji bħall-intelliġenza artifiċjali. Sabiex tinkiseb tranżizzjoni ġusta fid-dinja tax-xogħol, għandhom ikunu disponibbli mekkaniżmi ta' konsultazzjoni effettivi u qafas adegwat għall-imsieħba soċjali fil-livelli kollha, inklużi d-djalogu soċjali u l-ftehimiet kollettivi, akkumpanjati minn djalogu ċivili effettiv mal-partijiet interessati rilevanti;

— jemmen li huwa essenzjali li jittieħdu aktar passi biex tiġi żviluppata Unjoni tas-Swieq Kapitali effiċjenti u integrata u Unjoni Bankarja kompluta, inklużi l-Istati Membri kollha, biex ikomplu jiġu armonizzati u jitneħħew l-ostakli transfruntiera, u fl-istess ħin jiġu salvagwardjati regolamentazzjoni u sorveljanza sodi, bil-ħsieb li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, jiġu protetti l-konsumaturi, l-investituri u dawk li jfaddlu, u li jinkiseb suq uniku sod.

7. **Id-dimensjoni soċjali tas-sigurtà: impjieg, ħiliet u tranżizzjoni ġusta**

7.1. Id-dikjarazzjoni ta' La Hulpe, tas-16 ta' April 2024, adottata matul il-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE tenfasizza li fi żminijiet ta' sfidi multipli, l-Unjoni Ewropea għandha, issa aktar minn qatt qabel, iżżomm mal-valuri ewlenin tagħha tal-ugwaljanza u l-progress soċjali. Il-KESE tenna din il-fehma bil-qawwa ([2]).

7.2. Meta tiffaċċja t-tibdil fil-klima u t-tibdil demografiku, it-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika, u l-isfidi ekonomiċi u ta' sigurtà globali, id-dimensjoni soċjali tal-UE għandha tankra l-aġenda tas-sigurtà ma' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, tkabbir sostenibbli u livell massimu ta' impjiegi, bil-għan ta' konverġenza 'l fuq tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol.

7.3. L-investiment fis-sigurtà u d-difiża jkunu ineffettivi jekk is-soċjetà tkun maqsuma. Id-dimensjoni soċjali tal-investiment u r-riformi għandha tkun parti integrali mill-aġenda tas-sigurtà. Waqt li jibqa' ankrat mal-Aġenda 2030 tan-NU bħala qafas ta' politika ġenerali, il-mudell ekonomiku u soċjali tal-UE għandu jiżgura li l-vantaġġi tas-suq uniku, ankrati ma' munita unika, ikunu ta' benefiċċju għal kulħadd b'mod ġust u bbilanċjat.

7.4. Hekk kif jibda perjodu leġiżlattiv ġdid, l-UE hija mitluba tindirizza sfidi urġenti fil-qasam soċjali. Il-KESE jqis li hija prijorità li jiġu indirizzati dawk li jirriskjaw li jagħmlu ħsara lill-aspetti differenti tal-aġenda tas-sigurtà, u dawk li jikkonċernaw lil kulħadd fl-istess ħin.

7.5. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali jvarjaw b'mod sinifikanti fost il-gruppi ta' età, bit-tfal u l-anzjani jkunu dawk l-aktar affettwati. Il-faqar enerġetiku żdied minħabba l-kriżi tal-għoli tal-ħajja, li twassal ukoll għal telf ta' akkomodazzjoni affordabbli. Il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied fil-pajjiżi fejn il-pagi ma laħħqux mal-inflazzjoni, minħabba t-telf tal-kapaċità tal-akkwist. Dan jaggrava l-inugwaljanzi fost in-nies u jżid mad-diviżjoni tas-soċjetà.

7.6. It-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali joħolqu impjiegi ġodda u jirrikjedu ħiliet ġodda iżda joħolqu inċertezzi għall-ħaddiema, li jeħtieġ jissodisfaw dawn id-domandi ġodda. Id-djalogu soċjali, li jista' jgħin biex jappoġġja lill-ħaddiema u lill-intrapriżi biex jantiċipaw il-bidla, huwa dgħajjef f'xi Stati Membri minħabba kopertura baxxa ta' negozjar kollettiv. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa r-riżultat ta': żvilupp demografiku; nuqqas ta' attraenza ta' ċerti setturi ekonomiċi, anke minħabba kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol; trasformazzjonijiet teknoloġiċi, impjiegi ġodda maħluqa mit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; u n-nuqqas ta' ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol fil-forza tax-xogħol.

7.7. Jinħolqu disparitajiet reġjonali bejn il-qalba u l-periferija tas-suq uniku, u bejn iż-żoni urbani u dawk rurali. Distakki bħal dawn jistgħu jiġu aggravati minn dinamiċi tal-pagi diverġenti. Iż-żoni rurali huma kruċjali għall-koeżjoni ekonomika u soċjali, l-agrikoltura u s-sistemi tal-ikel sostenibbli.

7.8. Is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema għadhom sfida, b'mod partikolari fir-rigward ta' inċidenti u mard okkupazzjonali. L-użu tal-aħjar teknoloġiji jista' jgħin f'miżuri ta' prevenzjoni biex jittejjeb l-ambjent tax-xogħol.

7.9. Il-qgħad u l-esklużjoni tan-nisa laħqu skala drammatika f'ċerti pajjiżi. Sar progress fl-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa, iżda għadu 'l bogħod milli jkun sodisfaċenti fir-rigward ta' pożizzjonijiet ta' tmexxija. Id-diskriminazzjoni tippersisti minkejja l-qafas legali tal-UE u din taffettwa gruppi speċifiċi bħaż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabilità, il-ħaddiema bi sfond ta' migrazzjoni u l-komunitajiet LGBTQIA+. Popolazzjoni li qed tixjieħ teħtieġ servizzi ta' kura affordabbli sabiex tgħix b'dinjità.

7.10. Jekk jitfasslu kif suppost, il-politiki ta' investiment soċjali jista' jkollhom impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività inklużiva u sostenibbli, li hija essenzjali biex jinżammu impjiegi tajbin fl-Ewropa ([3]) u huma parti mis-soluzzjonijiet għall-isfidi deskritti hawn fuq. L-implimentazzjoni tar-riformi u l-politiki taħt il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandha tkompli tiġi implimentata mill-UE u l-Istati Membri tagħha bħala impenn politiku kondiviż.

([2]) ĠU C, C/2024/4056, 12.7.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/4056/oj?locale=mt.

([3]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — It-tishih ta' tkabbir inklużiv fit-tul permezz ta' riformi u investiment (ĠU C, C/2024/3378, 31.5.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/3378/oj?locale=mt) u Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (a) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni It-30 Sena mis-Suq Uniku (COM(2023) 162 final) (b) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030 (ĠU C, C/2024/4056, 12.7.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/4056/oj?locale=mt).

7.11. Fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, id-diversi strumenti tal-UE għandhom jintużaw biex jindirizzaw l-isfidi stabbiliti hawn fuq sabiex tinħoloq soċjetà koeżiva li tiżgura livell oġħla ta' sigurtà għall-UE, għaċ-ċittadini tagħha u għall-ekonomija tagħha.

7.12. Il-politiki soċjali għandhom jiġu appoġġjati permezz ta' użu aħjar tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), flimkien ma' inizjattivi ta' politika ta' kofinanzjament privati u dawk iffinanzjati mil-livell nazzjonali. Approċċ ta' politika olistiku, koordinat u integrat fil-livell tal-UE huwa kruċjali. Dan jista' jinkludi baġit tal-UE li jirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet soċjali u jitwettaq permezz tas-Semestru Ewropew riformat u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali tiegħu, f'konformità ma' politika ekonomika, soċjali u finanzjarja soda.

7.13. Barra minn hekk, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-politiki soċjali jippermettu lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Il-mudell soċjali tagħna huwa dak li jagħmel lill-UE unika u tiddistingwiha b'mod pożittiv mill-kompetituri tagħha. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu l-għan li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u jiġġieled il-faqar b'mod effettiv, u fl-istess ħin jafferma mill-ġdid li d-drittijiet soċjali huma integrali għall-politiki tal-UE u li hemm rabta ċara bejn il-Pilastru u strumenti oħra tal-UE b'rabta man-nefqa soċjali. It-tisħiħ tal-konnessjoni bejn il-Pilastru u l-proċess tas-Semestru Ewropew se jkun kruċjali għat-traċċar tal-progress u jiġi żgurat li l-politiki soċjali jiġu ffinanzjati u implimentati b'mod adegwat.

7.14. Ir-regoli riveduti tar-riforma tal-governanza ekonomika jridu jappoġġjaw riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir u l-investiment pubbliku, kif ukoll iżidu s-sjieda tal-pjani fl-Istati Membri. Dawn ir-regoli m'għandhomx ikunu għad-detriment tan-nefqa pubblika f'servizzi essenzjali bħas-sistemi tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-ġustizzja, li jħallu impatt fuq il-kwalità u l-inklużività tagħhom. Biex jiġu miġġielda l-effetti negattivi potenzjali, spazju fiskali tal-UE huwa kruċjali għall-istabbilizzazzjoni tan-nefqa soċjali u għat-tisħiħ tal-investiment. L-investiment iffinanzjat mill-UE għandu jiffinanzja wkoll il-beni pubbliċi Ewropej, li whud minnhom ġew identifikati qabel. Investiment u riformi soċjali mfasslin tajjeb jistgħu jiġġeneraw redditi sinifikanti fit-tkabbir ekonomiku permezz tal-effett tagħhom fuq in-nies u l-produttività, inklużi kapaċità innovattiva aktar b'saħħitha, assorbiment ta' teknoloġija ġdida u opportunitajiet ta' impjieg. Fl-istess ħin, il-gvernijiet nazzjonali jridu jirrevedu u jiżguraw li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom ikollhom biżżejjed riżorsi f'oqsma fejn l-appoġġ soċjali huwa l-aktar meħtieġ. L-infrastrutturi u n-networks soċjali, speċjalment dawk relatati mal-protezzjoni soċjali, jeħtieġu finanzjament adegwat.

7.15. F'dak ir-rigward, huwa kruċjali li l-gvernijiet jieħdu pożizzjoni ċara dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tat-tassazzjoni nazzjonali biex iwaqqfu l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa, jiġġieldu d-dumping u l-evitar tat-taxxa, u jisfruttaw bis-sħiħ iż-żieda fid-dħul mit-taxxa biex jagħtu spinta lir-riżorsi proprji tal-UE għall-investiment ekonomiku, u l-koeżjoni soċjali u territorjali.

7.16. Id-djalogu soċjali fil-livelli kollha jista' jaqdi rwol ewlieni fit-tisħiħ tat-tkabbir, il-produttività, l-impjiegi u l-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej fis-swieq globali u fl-istess ħin jgħin ukoll biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-benesseri tal-ħaddiema. L-iżgurar ta' kopertura akbar ta' djalogu soċjali li jiffunzjona tajjeb, inkluż in-negozjar kollettiv, jibqa' sfida kemm għall-imsieħba soċjali kif ukoll għall-Istati Membri.

7.17. It-tisħiħ tad-djalogu soċjali u ċivili huwa importi ferm biex niżguraw li n-nies ikollhom rwol attiv fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet ewlenin attwali. Id-djalogu soċjali jwitti t-triq għal negozjar kollettiv, flimkien mad-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni u parteċipazzjoni aktar b'saħħitha f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali. Strumenti bħal dawn huma meħtieġa biex il-post tax-xogħol jiġi adattat għall-impatt ta' teknoloġiji ġodda, id-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali u biex jiġu aġġornati l-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema, li jistgħu jinkludu wkoll id-dibattitu li għaddej fl-istituzzjonijiet tal-UE dwar id-dritt għall-iskonnessjoni.

7.18. Il-KESE:

— jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-implimentazzjoni tal-inizjattivi eżistenti kollha u, fejn meħtieġ, tippreżenta inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġodda;

— jirrimarka li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jkompli jintuża biex imexxi l-ħidma fuq it-titjib tal-koeżjoni soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'mod parallel mal-isforzi biex jitwettaq il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri tal-2030 dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-faqar;

— jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja s-soluzzjonijiet diġà inklużi fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali dwar is-saħħa u s-sigurtà, l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol matul il-proċess ta' adattament għall-użu tal-intelliġenza artifiċjali, u tiżgura li jittieħed approċċ iċċentrat fuq il-bniedem (eż. il-ġestjoni algoritmika);

— jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromovi r-riżultati tad-djalogu soċjali Ewropew u tappoġġja l-infurzar tad-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali; jinnota li l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali tas-Semestru Ewropew ikun għodda siewja f'dan ir-rigward;

— jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jirrikonoxxu u jivvalutaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala atturi ewlenin fit-tfassil u t-twettiq tat-tranżizzjoni ġusta. Permezz tal-interazzjonijiet tagħhom mal-gvernijiet lokali u l-kapaċità tagħhom li joħorġu s-suġġett mill-arena politika u d-dritt għall-komunità, dawn jgħinu biex jappoġġaw lil dawk l-aktar vulnerabbli u lil dawk li huma inqas kapaċi jadattaw għall-bidla;

— jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, fil-qafas tal-QFP li jmiss, biex jikkunsidraw strumenti finanzjarji adegwati għal investimenti soċjali orjentati lejn il-futur b'rabta mal-ħtieġa li tiġi żgurata l-provvista ta' beni pubbliċi Ewropej: is-sigurtà (eż. fis-sistemi tal-ikel, l-ilma, il-provvista tal-enerġija u distribuzzjoni, R&I, aċċess għall-informazzjoni, u infrastruttura strateġika), is-saħħa, l-edukazzjoni u l-benesseri;

— jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jevalwaw il-ħtieġa ta' strument finanzjarju li jibni fuq l-esperjenza tal-programm SURE, bil-għan li tiġi stabbilizzata n-nefqa soċjali tal-Istati Membri f'każ ta' xokkijiet ekonomiċi esterni;

— jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja u tivvaluta l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri li se tintemm fl-2025, u tibda taħdem fuq strateġija ġdida bħala kwistjoni ta' urġenza;

— jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta r-riżultati tal-istrateġiji l-oħra tal-ugwaljanza u tieħu azzjoni adegwata biex tkompli tibni Unjoni tal-Ugwaljanza; dan jista' jinkludi t-twaqqif ta' Direttorat Ġenerali għall-ugwaljanza fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea;

— jappella għal Garanzija għaż-Żgħażagħ imtejba u programmi simili bħall-inizjattiva ALMA (Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb), li joffru opportunitajiet ta' xogħol liż-żgħażagħ inklużi dawk li jinsabu barra minn kwalunkwe tip ta' impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEETs), u għal passi biex jissaħħu programmi oħra li jindirizzaw il-qgħad fit-tul. Hija meħtieġa valutazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal biex jiġi mmonitorjat il-progress fl-ilħuq tal-objettivi tagħha;

— jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jfasslu miżuri mmirati biex iżidu l-forza tax-xogħol sabiex ilaħħqu mal-isfidi demografiċi, bil-għan li jinkiseb impjieg stabbli appoġġjat minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol u djalogu soċjali. Il-KESE se jissorvelja mill-qrib l-inizjattiva fil-livell Ewropew biex it-traineeships bla ħlas u fittizji jiġu pprojbiti;

— jappella għal strateġiji ta' saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol li jfittxu li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda mewt u aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u li jsaħħu l-ġlieda kontra l-mard okkupazzjonali. Il-miżuri ta' prevenzjoni għandhom jissaħħu bl-użu ta' teknoloġiji ġodda inkluża l-intelliġenza artifiċjali. Dawn l-istrateġiji għandhom iħarsu wkoll lejn ir-riskji potenzjali li jirriżultaw minn bidliet diġitali u demografiċi fuq il-post tax-xogħol, flimkien ma' salvagwardji għall-ħaddiema kontra l-esponiment għal patoġeni jew aġenti perikoluż u riskji psikosoċjali;

— jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod adattat id-Direttiva dwar paga minima adegwata, li għandha wkoll l-objettiv li timmobilizza d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, fil-livelli kollha. Dan se jgħin biex jiġu appoġġjati l-ħaddiema u l-intrapriżi, speċjalment l-SMEs u tiġi atiċipata l-bidla ġġenerata mit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali li joħolqu sfida għall-imsieħba soċjali f'ħafna pajjiżi fir-rigward tal-kopertura tan-negozjar kollettiv;

— jirrikonoxxi l-appell minn "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek" ([4]) għall-introduzzjoni ta' linji gwida speċjali dwar it-tassazzjoni għal oġġetti u servizzi li għandhom impatt detrimentali fuq il-klima, bħall-oġġetti ta' lussu. Id-dħul iġġenerat minn dawn it-taxxi għandu jintuża biex jiffinanzja inizjattivi u miżuri li ma jagħmlux ħsara lill-klima, u fl-istess ħin jappoġġja l-impenn tal-UE għal ekonomija sostenibbli u ekoloġika.

8. **Niżguraw is-saħħa u kundizzjonijiet tal-għajxien deċenti: dimensjoni soċjetali soda**

8.1. Il-konsegwenzi tal-COVID-19, il-kriżi tal-enerġija kkawżata mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-inflazzjoni għolja li tirriżulta huma kawża ta' ħassib għal ħafna nies. Ir-rata tal-faqar turi xejra ta' tnaqqis f'ċerti pajjiżi, iżda f'oħrajn, b'mod partikolari dawk f'żoni remoti, il-faqar assolut żdied fost l-anzjani u n-nisa. Jeħtieġ li jsir ferm aktar biex jintlaħaq l-għan tal-Ewropa li toħroġ 25 miljun persuna mill-faqar sal-2030, inkluża l-ġlieda kontra l-faqar sistemiku, il-faqar fost it-tfal u l-faqar fost dawk li jaħdmu.

([4]) L-Ewropa Tiegħek, Leħnek huwa avveniment annwali taż-żgħażagħ fil-KESE. Ħames rakkomandazzjonijiet ewlenin mill-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2024, ifformulati u vvutati mir-rappreżentanti taż-żgħażagħ, huma ppreżentati fir-Rapport Sommarju.

8.2. Sabiex nilqgħu l-isfidi soċjali attwali u futuri, abbażi tal-Aġenda 2030 tan-NU, neħtieġu kuntratt soċjali mġedded għall-Ewropa biex jiġu żgurati d-drittijiet soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol aħjar, u fl-istess ħin jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali u tissaħħaħ il-konverġenza 'l fuq fl-UE ([5]).

8.3. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni ta' perspettiva tad-diżabilità fil-politiki, il-programmi u l-istrateġiji kollha tal-UE. Dan jinkludi l-iżgurar li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess ugwali għall-edukazzjoni, l-impjiegi u s-servizzi soċjali. Il-politiki għandhom jitfasslu biex ineħħu l-ostakli u jippromovu l-inklużjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità fl-aspetti kollha tas-soċjetà, u b'hekk jikkontribwixxu għal UE aktar inklużiva u ekwa.

8.4. It-tibdil demografiku, b'rati baxxi ta' twelid u popolazzjoni li qed tixjieħ, se jżid id-domanda għal kura tas-saħħa u servizzi soċjali ta' kwalità għolja fl-Ewropa, li jridu jkunu aċċessibbli għal kulħadd. Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali jridu jsiru sostenibbli sabiex ikunu jistgħu jagħtu riżultati lill-ġenerazzjonijiet futuri. Ir-riżorsi jridu jiġu investiti fi strutturi ta' kwalifiki u fl-iżgurar li jkun hemm servizzi pubbliċi u amministrazzjonijiet effettivi b'persunal suffiċjenti, motivat, remunerat b'mod adegwat u kwalifikat u mħarreġ tajjeb fil-livelli kollha.

8.5. Akkomodazzjoni affordabbli, deċenti u sostenibbli għal kulħadd ġiet rikonoxxuta mid-Dikjarazzjoni ta' Liège tal-Presidenza Belġjana tal-Kunsill. Il-KESE jappella għal pjattaforma tal-UE biex tappoġġja s-sħubijiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex tintemm l-esklużjoni tal-akkomodazzjoni.

8.6. L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa għandha l-għan li tiggarantixxi kura tas-saħħa affordabbli, aċċessibbli, ta' kwalità tajba, preventiva u kurattiva. L-Unjoni tas-Saħħa ġiet stabbilita wara l-pandemija tal-COVID-19 u tinkludi t-tħejjija għall-kriżijiet, approċċ komprensiv għas-saħħa mentali, il-ġlieda kontra l-kanċer, kif ukoll l-awtonomija strateġika u r-riforma tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika. L-Aġenda Strateġika tal-UE 2024-2029 trid tiffoka fuq is-saħħa, kemm billi tibni fuq il-progress li sar taħt il-mandat preċedenti kif ukoll billi tespandi aktar, inklużi l-prijoritizzazzjoni tal-mard rari u l-konsegwenzi tiegħu, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni biex tiġi miġġielda l-frammentazzjoni fi ħdan is-sistemi tas-saħħa nazzjonali u d-disparitajiet bejniethom.

8.7. Il-KESE:

— jappella għal azzjoni dwar l-SDGs u għal Strateġija komprensiva tal-UE Kontra l-Faqar li trid tinkludi sforzi kkoordinati fl-Istati Membri kollha biex jitnaqqas il-faqar. Din l-Istrateġija għandha tindirizza kemm il-ħtiġijiet immedjati kif ukoll kwistjonijiet sistemiċi bħall-inugwaljanza fl-introjtu u n-nuqqas ta' aċċess għas-servizzi soċjali. Din għandha tkun allinjata mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tinkorpora l-aħjar prattiki mill-Istati Membri biex jiġi żgurat tnaqqis effettiv u sostenibbli tal-faqar fl-UE kollha;

— jappoġġja l-ħatra ta' Kummissarju responsabbli għall-akkomodazzjoni, b'portafoll iddedikat u Direttorat Ġenerali adegwat, u l-adozzjoni ta' approċċ olistiku fil-forma ta' Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar l-Akkomodazzjoni Soċjali biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-akkomodazzjoni. Dan il-pjan ta' azzjoni għandu jimmobilizza l-finanzjament taħt il-QFP li jmiss u jipprovdi akkomodazzjoni affordabbli, deċenti u sostenibbli għal kulħadd. Għandha ssir enfasi speċjali fuq l-iżgurar li l-politiki tal-akkomodazzjoni jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli, inklużi l-anzjani, il-persuni b'diżabilità u l-familji b'introjtu baxx;

— jenfasizza li l-provvista tal-enerġija hija kklassifikata bħala servizz ta' interess ġenerali. Il-qafas regolatorju tal-UE għandu joħloq il-kundizzjonijiet għal provvista tal-enerġija li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, affordabbli, aċċessibbli u affidabbli kif iddikjarat fl-Unjoni tal-Enerġija;

— jappella sabiex l-istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, flimkien mal-aġenda b'saħħitha dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, tiġi implimentata mill-Kummissjoni matul il-mandat il-ġdid. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tħejji pjan ta' azzjoni b'inizjattivi għal politiki, programmi u ħidma leġiżlattiva. Dan il-pjan ta' azzjoni għandu jfittex li jiżgura l-inklużjoni u t-trattament ugwali tal-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

— jappella għal approċċ "Saħħa Waħda" biex jiġi ssalvagwardjat il-benesseri taċ-ċittadini u jiġi ggarantit l-aċċess għall-ilma, is-sikurezza u s-sovranità tal-ikel, u l-aċċess għal kura tas-saħħa u servizzi soċjali sostenibbli bħala beni pubbliċi;

([5]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Rapport ta' Prospettiva Strateġika 2023 — Is-sostenibbiltà u l-benesseri tan-nies fil-qalba tal-Awtonomija Strateġika Miftuħa tal-Ewropa (ĠU C, C/2024/4057, 12.7.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/4057/oj?locale=mt).

— jirrikonoxxi r-rwol li għandhom professjonijiet liberali, SMEs, partijiet interessati oħra u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jagħmlu l-komunitajiet lokali aktar reżiljenti, ekwi, b'saħħithom, sostenibbli u soċjalment ġusti; jenfasizza li l-preservazzjoni attiva tal-ambjent hija vitali għal futur sostenibbli;

— jirrimarka li l-politika tas-saħħa ma teżistix f'vakwu; pjuttost, hija settur kritiku għall-ekonomija tal-UE flimkien mal-enerġija, is-sigurtà tal-ikel u t-teknoloġija. Għalhekk, il-kura tas-saħħa għandha tiġi vvalutata bħala investiment soċjali pubbliku u ma titqiesx bħala spiża. Neħtieġu sforzi biex jiżdied l-investiment kemm fil-prevenzjoni kif ukoll biex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà fit-tul tal-kura tas-saħħa f'konformità mal-kunċett tad-"Dritt għas-Saħħa", li ġie prijoritizzat matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa;

— jistieden lill-UE tieħu azzjoni urġenti biex twassal għal Unjoni Ewropea tas-Saħħa sħiħa u biex tinvesti ħafna fi proġetti kollaborattivi ta' riċerka medika, kif sar b'reazzjoni għall-COVID-19; iħeġġeġ lill-UE tintroduċi Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mard Rari u tirrikonoxxi li ċ-ċittadini għandhom dritt għal kura tas-saħħa ta' kwalità tajba, affordabbli u aċċessibbli, li għandu jiġi stabbilit f'Garanzija Ewropea għas-Saħħa;

— jenfasizza l-ħtieġa għal bidla fil-paradigma li tirrikonoxxi l-valur tal-kura fis-soċjetajiet tagħna billi nibnu fuq l-Istrateġija Ewropea għall-Kura; jappella sabiex tiġi adottata Garanzija Ewropea għall-Kura, li tiżgura aċċess għal kura affordabbli u ta' kwalità għolja għal dawk kollha li għandhom bżonnha. Il-garanzija għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' dawk li jeħtieġu l-kura u fl-istess ħin tappoġġja lil dawk li jindukrawhom, inkluż it-tneħħija tal-piż minn fuq in-nisa tar-responsabbiltajiet ta' indukrar mhux imħallsa;

— jappella wkoll għal finanzjament komplementari tal-UE biex jappoġġja lill-Istati Membri hekk kif jespandu u jtejbu s-servizzi tal-kura u jtejbu l-kopertura. L-investiment fl-ekonomija tal-kura huwa essenzjali għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja għal kulħadd, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar vulnerabbli;

— jirrikonoxxi l-valur tal-kura u x-xogħol ta' indukrar fis-soċjetà tagħna, u l-potenzjal tal-ekonomija tal-kura li toħloq impjiegi ta' kwalità tajba u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-persuni li jindokraw, inklużi l-ħaddiema domestiċi. Għandhom jittieħdu passi biex jiġu attirati ħaddiema ġodda lejn is-settur tal-kura tas-saħħa u biex isir investiment f'forza tax-xogħol imħarrġa, tas-sengħa, ibbilanċjata bejn il-ġeneri u motivata, li jkollha stima soċjali għolja u remunerata b'mod adegwat. Dawn il-passi se jkunu kruċjali biex tiġi żgurata kura tas-saħħa reżiljenti u kwalitattiva fl-Istati Membri;

— jenfasizza l-ħtieġa li nimxu lejn strateġija bbażata fuq it-tixjiħ dinjituż u s-solidarjetà interġenerazzjonali, u jappella għal Strateġija Ewropea għall-Anzjani;

— jirrikonoxxi s-sejħa ta' L-Ewropa Tiegħek, Leħnek għal strateġija komuni standardizzata dwar id-drittijiet sesswali u riproduttivi fl-UE kollha. Din l-istrateġija għandha tiggarantixxi aċċess għal servizzi komprensivi tas-saħħa sesswali u riproduttiva għal kulħadd, u fl-istess ħin tippromovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali.

9. **Parteċipazzjoni taċ-ċittadini, spazju ċiviku robust u djalogu ċiviku sinifikanti**

9.1. Il-parteċipazzjoni hija komponent kruċjali tad-demokrazija Ewropea, u prerekwiżit għall-bini tal-fiduċja u l-leġittimizzazzjoni tal-politiki tal-UE f'għajnejn iċ-ċittadini. Il-kunċett ta' demokrazija parteċipattiva huwa minqux fl-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE): dan jistipula li ċ-ċittadini għandhom id-dritt li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u li l-istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jikkonsultaw u jieħdu deċiżjonijiet b'mod wiesa' u trasparenti kemm jista' jkun.

9.2. Iċ-ċittadini li tlaqqgħu flimkien fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa qajmu dubji dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u talbu għal aktar flessibbiltà fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-azzjoni, speċjalment meta ffaċċjati bi sfidi globali urġenti.

9.3. L-iżgurar li n-nies ta' kull età jkollhom opportunitajiet biex jinvolvu ruħhom u jikkontribwixxu għall-ħajja ċivika huwa aspett ewlieni tal-iżvilupp kemm tar-responsabbiltà ċivika kif ukoll tal-kredibbiltà tal-proċess demokratiku. Permezz ta' sistema robusta ta' parteċipazzjoni strutturata, iż-żgħażagħ jistgħu jikkontribwixxu għat-tiswir tal-futur tal-UE permezz tal-innovazzjoni, l-involviment u d-dedikazzjoni. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti, ħielsa u rappreżentattivi huma salvagwardja għas-soċjetajiet demokratiċi, u għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-UE. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma mezz ta' impenn kollettiv: dan jikkomplementa forom ta' parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini li jwasslu l-fehmiet tal-individwi, u b'hekk jikkontrobilanċjaw kull tentattiv mill-Istati Membri li joħonqu l-ispazju ċiviku.

9.4. L-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali huma parti essenzjali mis-soċjetà ċivili organizzata. Madankollu, imsieħba soċjali rikonoxxuti jaqdu rwol speċifiku fit-tiswir tal-politiki ekonomiċi, tax-xogħol u soċjali li jippromovu l-konverġenza 'l fuq tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Istati Membri. Dan għandu jiġi rikonoxxut u rispettat bis-sħiħ fl-istrutturi u l-proċessi tad-djalogu soċjali fil-livelli kollha u huwa distint mid-djalogu ċivili.

9.5. Il-KESE jinnota bi tħassib l-iżviluppi f'ċerti Stati Membri li wasslu għal spazju dejjem jiċkien għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għalkemm dawn l-organizzazzjonijiet għandhom rwol ewlieni fid-difiża tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u fil-ġlieda kontra l-mewġa dejjem tikber tal-populiżmu. Jeħtieġ li l-UE tkompli tiġġieled dawn l-iżviluppi permezz tal-proċeduri tal-Artikolu 7, u billi tiffriża l-fondi Ewropej allokati għall-Istati Membri li ma jirrispettawx l-istat tad-dritt, l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja jew id-drittijiet fundamentali bħal-libertà ta' assoċjazzjoni jew id-dritt tal-espressjoni, jew li jirrestringu l-libertà tal-istampa u tal-media sabiex jiġi mmanipulat id-diskors pubbliku. Soċjetajiet diskriminatorji mhumiex kompatibbli mal-UE, li tistinka għal prosperità ekonomika bbilanċjata, progress soċjali u inklużività.

9.6. Iċ-ċittadini qatt ma tkellmu b'daqshekk qawwa dwar dak li jridu. Il-vuċijiet tagħhom jeħtieġ li jingħataw widen meta jittieħdu deċiżjonijiet fl-UE, permezz ta' għodod parteċipattivi u tad-demokrazija elettronika bħall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, il-panels taċ-ċittadini, u l-crowdsourcing tal-ideat ta' politika taċ-ċittadini.

9.7. L-Ewropa trid tkun spazju sikur u transfruntier abilitanti għas-soċjetà ċivili, inklużi l-entitajiet tal-ekonomija soċjali. Id-djalogu ċivili strutturat fil-livelli kollha tal-gvern għandu jiġi mħeġġeġ u promoss fl-Istati Membri kollha.

9.8. Għalhekk, il-mekkaniżmi għad-djalogu tas-soċjetà ċivili għandhom jissaħħu sabiex jiġi żgurat djalogu strutturat u sinifikanti li jqis l-għarfien espert ċivili. L-arranġamenti ad hoc u frammentati attwali mhumiex adegwati u jiddependu wisq mill-inizjattivi ta' rieda tajba u personali tal-individwi u s-servizzi involuti.

9.9. Il-KESE, bħala l-vuċi istituzzjonali tas-soċjetà ċivili organizzata fl-UE, jaqdi rwol ċentrali fit-trawwim ta' spazju ċiviku robust u fl-iffaċilitar ta' djalogu ċiviku sinifikanti. Bl-għarfien espert estensiv u l-esperjenza twila tiegħu, il-KESE jservi bħala pont vitali bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili differenti, u fl-istess ħin jiżgura li l-vuċijiet tagħhom jingħataw widen fil-proċessi tat-tfassil tal-politika. Il-pożizzjoni unika tiegħu tippermetti lill-KESE jippromovi d-demokrazija parteċipattiva u jippromovi l-inklużjoni ta' diversi partijiet interessati fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE. Billi jipprovdi pjattaforma għall-bini ta' kunsens u d-djalogu, il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' politiki inklużivi li jirriflettu l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini, u b'hekk jissaħħu l-leġittimità u l-effettività tal-governanza tal-UE.

9.10. Għalhekk, il-KESE:

— jappella għal appoġġ strutturali għar-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-bini ta' soċjetajiet reżiljenti permezz tad-djalogu ċivili u soċjali u jirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-trawwim ta' soċjetajiet reżiljenti, ugwali u sostenibbli permezz ta' inizjattivi fil-livell lokali. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ma għandhomx jiġu esklużi mid-deċiżjonijiet dwar il-politiki tal-UE, il-futur tal-Ewropa jew taċ-ċittadini tagħha. Trid tingħata attenzjoni biex jinżamm djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili ([6]). Għandhom jiġu applikati standards għad-djalogu ċivili fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE, sabiex l-Artikolu 11 tat-TUE jiġi implimentat b'mod effettiv ([7]);

— jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu t-tmexxija u jiżviluppaw strateġija għas-soċjetà ċivili ([8]), bi pjan ta' azzjoni ċar. Barra minn hekk, il-KESE jappella għal tabella ta' valutazzjoni annwali tad-djalogu ċivili jew tal-ispazju ċiviku ([9]), li se tirrevedi jekk il-kontributi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili matul il-konsultazzjonijiet ikunux ġew ikkunsidrati. Din it-tabella ta' valutazzjoni tista' tintuża biex jiġi prodott Rapport biennali dwar id-Djalogu Ċivili, li jevalwa d-djalogu ċivili u l-effettività tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ([10]);

([6]) L-Artikolu 11(2) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE).

([7]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tisħiħ tad-djalogu ċivili u d-demokrazija parteċipattiva fl-UE: it-triq 'il quddiem" (ĠU C, C/2024/2481, 23.4.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/2481/oj?locale=mt) (punti 1.6; 5.4).

([8]) **Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tisħiħ tad-djalogu ċivili u d-demokrazija parteċipattiva fl-UE: it-triq 'il quddiem"** (ĠU C, C/2024/2481, 23.4.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/2481/oj?locale=mt) (punt 5.1).

([9]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tisħiħ tad-djalogu ċivili u d-demokrazija parteċipattiva fl-UE: it-triq 'il quddiem" (ĠU C, C/2024/2481, 23.4.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/2481/oj?locale=mt) (punt 1.10).

([10]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tisħiħ tad-djalogu ċivili u d-demokrazija parteċipattiva fl-UE: it-triq 'il quddiem" (ĠU C, C/2024/2481, 23.4.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/2481/oj?locale=mt) (punt 1.10).

— jappella għal azzjoni biex tissaħħaħ il-pożizzjoni taż-żgħażagħ bħala xpruni ta' futur aktar sostenibbli għall-UE u jirrikonoxxi li sfidi bħat-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni diġitali u l-bidliet demografiċi huma prijoritajiet u opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jixprunaw il-bidla fi ħdan l-UE. Iridu jiġu pprovduti spazji għall-parteċipazzjoni strutturata tagħhom u ssir enfasi fuq kif l-innovazzjoni, l-involviment u d-dedikazzjoni tagħhom jistgħu jsawru l-futur tal-UE;

— iqis li huwa importanti li jiġi rikonoxxut u apprezzat ir-rwol importanti li taqdi s-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni ta' ħafna aspetti ewlenin tat-tfassil tal-politika tal-UE, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Is-soċjetà ċivili taqdi rwol integrali fiż-żamma tal-mudell soċjoekonomiku uniku tal-UE u fil-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli, il-koeżjoni soċjali u l-inklużività;

— iqis li l-volontarjat għandu jiġi rikonoxxut u ċċelebrat bħala espressjoni kruċjali taċ-ċittadinanza attiva. Iridu jittieħdu passi biex jiġi apprezzat u appoġġjat il-volontarjat bħala forma ta' azzjoni ċivika li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni ċivika u d-demokrazija parteċipattiva, anke billi l-2025 tintgħażel bħala s-Sena Ewropea tal-Volontarjat;

— jirrikonoxxi t-talba ta' L-Ewropa Tiegħek, Leħnek għal aktar involviment u rappreżentanza taż-żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, kif ukoll l-istabbiliment ta' kwota taż-żgħażagħ fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Dan jiżgura li ż-żgħażagħ ikunu involuti direttament fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa, u fl-istess ħin jitrawwem proċess demokratiku aktar inklużiv u rappreżentattiv;

— jappoġġja bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni ta' L-Ewropa Tiegħek, Leħnek biex ikun hemm qafas legali robust għall-media soċjali sabiex jiġu indirizzati u mmitigati l-polarizzazzjoni u d-diżinformazzjoni. Dan il-qafas għandu jkollu l-għan li jissalvagwardja l-proċessi demokratiċi, jipproteġi lin-nies minn kontenut dannuż u jiggarantixxi diskors pubbliku ġust u infurmat fl-UE kollha.

9.11. Billi nwettqu r-rwol tagħna, nistgħu niżguraw li matul din il-leġiżlatura tal-istituzzjonijiet tal-UE, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kollha jkunu jistgħu jsemmgħu leħinhom u jkollhom rwol leġittimu, għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2024.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE